MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Numru 999/2007

**Il-Pulizija**

***versus***

**Anthony Schembri**

Il-qorti:
Rat illi Anthony Schembri kien imressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixli:

- talli fl-Isptar San Luqa, fil-Pietà, nhar id-29 ta' Settembru 2005, għall-ħabta ta' nofsinhar, dolożament bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Dolores *sive* Doris Schembri f'periklu ċar, taha diversi daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta u ikkaġunalha l-mewt;
- talli, fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fil-ħin li huwa kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

- talli, fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer żamm u ġarr strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr il-liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija; u
- talli irrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' l-artt. 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali [Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta] wara li nstab ħati b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta, li saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2005, fuq talba tad-difiża, inħatru esperti mediċi biex jivverifikaw il-kondizzjoni mentali ta' l-imputat;

Rat illi, wara li kien maħluf ir-rapport ta' l-esperti mediċi, l-Avukat Ġenerali, b'rikors tat-22 ta' Jannar 2007, talab, taħt l-art. 402(5) tal-Kodiċi Kriminali, illi l-kwistjoni dwar allegazzjoni ta' ġenn tinġieb quddiem din il-qorti, u li din il-qorti timxi kif iridu l-artt. 620, 627 u 628 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex l-istess kwistjoni qabel xejn tiġi maqtugħa minn ġuri;

Rat l-art. 402 u l-artt. 620 *et seqq.* tal-Kodiċi Kriminali;

Rat il-verdett tal-ġurija tal-21 ta' Mejju 2007 li bih b'sitt (6) voti kontra tlieta (3) sabet illi Anthony Schembri ma kienx fi stat ta' ġenn meta seħħ l-inċident:

Għalhekk tiddikjara illi Anthony Schembri ma kienx fi stat ta' ġenn meta seħħ l-inċident tad-29 ta' Settembru 2005.

Tordna illi l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja għall-kontinwazzjoni.

Tordna wkoll illi l-imputat jitqiegħed fl-istess pożizzjoni li kien qabel il-proċeduri quddiem din il-qorti għal dik li hija l-libertà personali tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------